DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/381

tat-3 ta' Marzu 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK. ([1])

(2) Fl-4 ta' Marzu 2016, il-Kunsill estenda l-miżuri restrittivi kontra 16-il persuna sas-6 ta' Marzu 2017 ([2]).

(3) Abbażi ta' rieżami tal-miżuri restrittivi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2014/119/PESK, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri restrittivi tiġi estiża sas-6 ta' Marzu 2018. Jenħtieġ li l-entrata għal persuna waħda elenkata fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/119/PESK titħassar.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/119/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/119/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-6 ta' Marzu 2018.";

(2) l-Anness huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. FARRUGIA

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 66, 6.3.2014, p. 26).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/318 tal-4 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 60, 5.3.2016, p. 76).

ANNESS

Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/119/PESK l-entrata dwar il-persuna li ġejja hija mħassra:

16. Yuriy Volodymyrovych Ivanyushchenko